KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

BOT

ippreżentati fid-19 ta' Mejju 2009 [1]

1. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet għall-ewwel darba mitluba tinterpreta l-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali [2] u, b'mod partikolari, l-Artikolu 4 ta' din il-konvenzjoni li jwaqqaf mekkaniżmu li jippermetti li tiġi stabbilita l-liġi applikabbli għal kuntratt fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet.

2. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mitluba tiddeċiedi l-kwistjoni dwar liema hija, taħt din id-dispożizzjoni, il-liġi applikabbli għal kuntratt li għandu bħala suġġett il-provvista ta' mezz ta' trasport għall-ġarr ta' merkanzija għal vjaġġ determinat.

3. Fil-fatt, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma tipprovdi regola ġenerali li tistabbilixxi l-liġi applikabbli għal kuntratt fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet, flimkien ma' preżunzjoni ġenerali fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u preżunzjoni partikolari, stipulata fil-paragrafu 4 tal-istess artikolu, applikabbli għall-kuntratt ta' trasport ta' merkanzija.

4. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja hija wkoll mitluba li tiddeċiedi l-kwistjoni jekk, fil-każ ta' kuntratt bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, tistax tiġi applikata fil-konfront tiegħu, inparti, il-liġi ta' pajjiż differenti minn dak li miegħu l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta.

5. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nagħti r-raġunijiet għaliex nikkunsidra li kuntratt li għandu bħala suġġett il-provvista ta' mezz ta' trasport għall-ġarr ta' merkanzija għal vjaġġ determinat ma jaqax taħt l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, meta l-post prinċipali tan-negozju tal-impriża li għandha l-inkarigu tagħmel disponibbli mezz ta' trasport ikun jinsab f'pajjiż differenti minn dak ta' fejn ikun jinsab il-post tat-tagħbija jew tal-ħatt, jew il-post prinċipali tan-negozju tal-kontraenti l-ieħor.

6. Imbagħad ser nispjega għaliex, fil-fehma tiegħi, għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-liġi applikabbli għal tali kuntratt, il-qorti nazzjonali, b'mod konformi mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, għandha tfittex il-liġi tal-pajjiż li miegħu dan il-kuntratt għandu l-eqreb rabta.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Konvenzjoni miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 (ĠU L 266, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Ruma").

7. Fl-aħħar nett, ser nesponi r-raġunijiet tal-opinjoni tiegħi li għall-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tistax tiġi applikata inparti, il-liġi ta' pajjiż differenti minn dak li miegħu l-kuntratt kollu għandu l-eqreb rabta.

I — Il-kuntest ġuridiku

8. Il-Konvenzjoni ta' Ruma daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 1991. Dakinhar ir-rieda tal-Istati firmatarji kienet li jinstab rimedju għall-ħafna regoli ta' kunflitt eżistenti permezz tal-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali.

9. Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma, skont l-Artikolu 1 ta' din il-konvenzjoni, huma applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu kunflitt ta' liġijiet, b'eċċezzjoni ta' ċerti materji elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu [3].

10. Fl-Artikolu 3, il-Konvenzjoni ta' Ruma tikkonferma l-prinċipju tal-awtonomija tar-rieda tal-partijiet. Infatti, skont din id-dispożizzjoni, "[k]untratt għandu jkun regolat mil-liġi magħżula mill-partijiet. L-għażla għandha tkun espressa jew murija b'ċertezza raġjonevoli mill-klawżoli tal-kuntratt jew miċ-ċirkostanzi tal-każ. Permezz ta' l-għażla tagħhom il-partijiet jistgħu jiftiehmu fuq il-liġi applikabbli għall-kuntratt kollu jew għal parti minnu".

11. Fin-nuqqas ta' għażla, il-Konvenzjoni ta' Ruma tistipula prinċipju ġenerali komuni għall-kuntratti kollha għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-liġi applikabbli flimkien ma' preżunzjonijiet.

12. B'ħekk, skont l-Artikolu 4(1) ta' din il-konvenzjoni, "[s]afejn il-liġi applikabbli għall-kuntratt ma tkunx intgħażlet skond l-Artikolu 3, il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li miegħu ikollu l-eqreb rabta. Madankollu parti separabbli tal-kuntratt li jkollha rabta eqreb ma' pajjiż ieħor tista' eċċezzjonalment tkun regolata mil-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor".

13. L-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma huwa redatt kif ġej:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, għandu jkun hemm preżunzjoni li l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta mal-pajjiż fejn il-parti li jkollha tagħmel l-eżekuzzjoni li tikkaratterizza l-kuntratt

3 — Dawn huma, pereżempju, l-istat u l-kapaċità ta' persuni fiżiċi, obbligi kuntrattwali dwar testmenti u suċċessjonijiet, ir-reġimi matrimonjali, drittijiet u dmirijiet li jkunu ġejjin mir-relazzjonijiet familjari, parentela, żwieġ jew ukoll ftehim ta' arbitraġġ u ftehim dwar l-għażla ta' qorti.

kellha, fiż-żmien meta kien konkluż il-kuntratt, ir-residenza abitwali tagħha, jew, fil-każ ta' korp maqgħud jew mhux maqgħud, l-amministrazzjoni ċentrali tiegħu. Madankollu jekk il-kuntratt isir minħabba n-negozju jew il-professjoni ta' dik il-parti, dak il-pajjiż ikun il-pajjiż fejn ikun jinsab il-post prinċipali tan-negozju jew, fejn skond il-klawżoli talkuntratt l-eżekuzzjoni jkollha ssir f'post ta' negozju li ma jkunx il-post prinċipali tannegozju, il-pajjiż fejn dak il-post l-ieħor tannegozju jkun jinsab."

14. Il-kuntratti ta' trasport ta' merkanzija huma suġġetti għal preżunzjoni partikolari. Fil-fatt, skont l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, "[k]untratt għat-trasport ta' merkanzija m'għandux ikun soġġett għall-preżunzjoni tal-paragrafu 2. F'kuntratt bħal dan jekk il-pajjiż, li fih, fiż-żmien meta l-kuntratt ikun konkluż, it-trasportatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu jkun ukoll il-pajjiż fejn ikun jinsab il-post tat-tagħbija jew il-post tal-ħatt jew il-post prinċipali tannegozju ta' l-ispeditur, għandu jkun hemm preżunzjoni li l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta ma' dak il-pajjiż."

15. Imbagħad din id-dispożizzjoni tispeċifika li "[f]l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu charter-parties [kuntratti ta' nolleġġ] ta' vjaġġ wieħed u kuntratti oħra li l-għan ewlieni tagħhom huwa t-trasport ta' merkanzija għandhom jitqiesu bħala kuntratti għattrasport ta' merkanzija."

16. Fl-aħħar nett, il-Konvenzjoni ta' Ruma tipprevedi l-possibbiltà li l-qorti nazzjonali twarrab il-preżunzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2), meta l-karatteristika tal-eżekuzzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita, u l-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2) sa (4), meta jirriżulta miċ-ċirkustanzi kollha li l-kuntratt ikollu rabta eqreb ma' pajjiż iehor.

II — Il-fatti u l-proċedura fil-kawża prinċipali

17. Intercontainer Interfrigo SC (iktar 'il quddiem "ICF") hija kumpannija stabbilita fil-Belġju. Balkenende Oosthuizen BV (iktar 'il quddiem "Balkenende") u MIC Operations BV (iktar 'il quddiem "MIC") huma kumpanniji stabbiliti fl-Olanda.

18. Fil-kuntest ta' proġett ta' linja ferrovjarja għat-trasport ta' merkanzija bejn Amsterdam (l-Olanda) u Frankfurt (il-Ġermanja), ICF poġġiet xi vaguni għad-dispożizzjoni ta' Balkenende, għan-nom ta' MIC. ICF kellha tassigura t-trasport permezz tal-ferrovija u, għal dan il-għan, xtrat il-lokomotivi u s-servizzi neċessarji. MIC kriet lil terzi l-kapaċità tat-tagħbija li kellha għad-dispożizzjoni tagħha u kellha tieħu ħsieb il-parti operattiva tat-trasport.

19. Il-partijiet ma kkonkludew ebda kuntratt bejniethom. ICF bagħtet biss abbozz ta' kuntratt li permezz tiegħu indikat il-liġi Belġjana bħala l-liġi applikabbli għal dan il-kuntratt. Dan l-abbozz ta' kuntratt ma ġiex iffirmat mill-partijiet. Madankollu, l-aspetti miftiehma ġew eżegwiti bejn l-20 ta' Ottubru u t-13 ta' Novembru 1998, kif ukoll bejn is-16 ta' Novembru u l-21 ta' Diċembru 1998.

20. Fis-27 ta' Novembru 1998, ICF bagħtet lil MIC l-ewwel kont bl-ammont ta' EUR 107512.50għall-ħlas ta' servizzi mogħtija bejn l-20 ta' Ottubru u t-13 ta' Novembru 1998. Fit-22 ta' Diċembru 1998 intbagħtet lil MIC it-tieni kont bl-ammont ta' EUR 67 100 dwar l-eżekuzzjoni tal-aspetti miftiehma bejn is-16 ta' Novembru u l-21 ta' Diċembru 1998.

21. Peress li MIC ma ħallsitx il-kont tas-27 ta' Novembru 1998, fis-7 ta' Settembru 2001, ICF interpellatha sabiex tħallas l-imsemmi kont, iżda dan mingħajr suċċess.

22. ICF ippreżentat rikors quddiem ir-Rechtbank te Haarlem (l-Olanda) u talbet li Balkenende u MIC jigu kkundannati jħallsu l-kont tas-27 ta' Novembru 1998 u t-taxxa fuq il-valur miżjud relattiva, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż. ICF sostniet li l-liġi applikabbli għall-kuntratt kienet il-liġi Belġjana.

23. B'sentenza tat-28 ta' Jannar 2004, ir-Rechtbank te Haarlem iddeċieda li l-liġi Olandiża kienet tapplika għall-kuntratt. Peress li l-krediti ta' ICF kienu preskritti skont il-liġi Olandiża, ir-rikors ġie ddikjarat inammissibbli.

24. ICF appellat quddiem il-Gerechtshof te Amsterdam li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel istanza. Hija ċaħdet it-teżi ta' ICF li l-partijiet kienu għażlu l-liġi Belġjana bħala l-liġi applikabbli għall-kuntratt, billi dan kien intbagħat lil Balkenende u lil MIC, iżda ma kienx ġie ffirmat minn dawn tal-aħħar.

25. Quddiem il-Gerechtshof, ICF sostniet li l-liġi Belġjana kienet applikabbli skont l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Skont din il-Qorti, il-kuntratt inkwistjoni kellu jigi kkunsidrat li jikkonċerna prinċipalment it-trasport ta' merkanzija, fis-sens tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 4(4) ta' din il-konvenzjoni. Barra minn hekk, dan il-kuntratt kien marbut iktar mill-qrib mal-Olanda milli mal-Belgju, b'tali mod li l-preżunzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmija konvenzjoni ma kinitx applikabbli.

26. ICF appellat quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (l-Olanda).

27. Peress li l-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, hija qed tagħmel numru ta' domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

III — Id-domandi preliminari

28. Il-Hoge Raad der Nederlanden iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma għandu jiġi interpretat fis-sens li jirrigwarda biss nolleġġ għal vjaġġ u li għamliet oħra ta' kuntratti ta' nolleġġ ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni [tal-imsemmija dispożizzjoni]?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni [ta' Ruma] għandu jiġi interpretat fis-sens li, safejn għamliet oħra ta' kuntratti ta' nolleġġ jirrigwardaw ukoll it-trasport ta' merkanzija, il-kuntratt inkwistjoni, safejn jirrigwarda dan it-tip ta' trasport, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u li l-liġi applikabbli hija għall-bqija stabbilita skont l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma?

3) Jekk ir-risposta għat-tieni domanda tkun fl-affermattiv, għal liema waħda miż-żewġ sistemi legali indikati għandu jsir riferiment sabiex tiġi eżaminata eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajma fir-rigward tat-talba bbażata fuq il-kuntratt?

4) Jekk il-parti prinċipali tal-kuntratt tirrigwarda t-trasport ta' merkanzija, id-distinzjoni msemmija fit-tieni domanda għandha tiġi injorata u l-liġi applikabbli għall-partijiet kollha tal-kuntratt għandha tiġi stabbilita skont l-Artikolu 4 (4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma?

5) Id-deroga li tinsab fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-preżunzjonijiet [fl-Artikolu 4(2) sa (4),] mhumiex applikabbli biss meta miċ-ċirkustanzi kollha jirriżulta li l-kriterji ta' rabta indikati fl-imsemmija paragrafi m'għandhomx valur ġenwin ta' rabta jew inkella mhumiex applikabbli anki meta minn dawn iċ-ċirkustanzi jirriżulta li teżisti rabta iktar qawwija ma' pajjiż ieħor?"

IV — Analiżi

A — *Osservazzjonijiet preliminari*

29. Qabelxejn, għandu jiġi speċifikat li, skont il-protokolli tad-19 ta' Diċembru 1988 [4], li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2004, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

30. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(a) tal-Ewwel Protokoll 89/128, il-Hoge Raad der Nederlanden għandha d-dritt titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni preliminari dwar kwistjoni mqajma f'kawża pendenti quddiemha li tinvolvi l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

4 — L-Ewwel Protokoll 89/128/KEE dwar l-interpretazzjoni mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 (ĠU 1989, L 48, p. 1), kif ukoll il-Konvenzjonijiet ta' Adeżjoni tal-10 ta' April 1984, tat-18 ta' Mejju 1992 u tad-29 Novembru 1996 u t-Tieni Protokoll 89/129/KEE li jagħti ċerti kompetenzi lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 (ĠU 1989, L 48, p. 17), kif ukoll tal-Konvenzjonijiet ta' Adeżjoni tal-10 ta' April 1984, tat-18 ta' Mejju 1992 u tad-29 ta' Novembru 1996.

B — *Fuq id-domandi preliminari*

31. Għall-ewwel darba, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tinterpreta l-Konvenzjoni ta' Ruma u, preċiżament, id-dispożizzjoni ta' din il-konvenzjoni li tirreferi għal-liġi applikabbli għal kuntratt f'nuqqas ta' għażla mill-partijiet.

32. L-eżami tad-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju jitlob, qabelxejn, li jigi indikat il-kontenut tas-sistema stabbilita mill-Konvenzjoni ta' Ruma.

1. Is-sistema stabbilita mill-Konvenzjoni ta' Ruma

33. Sabiex jitkompla x-xogħol ta' armonizzazzjoni ġuridika fil-kamp tad-dritt internazzjonali privat, mibdi permezz tal-adozzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummercjali [5], l-Istati Membri adottaw il-Konvenzjoni ta' Ruma.

5 — ĠU 1972, L 299, p. 32. Din il-konvenzjoni ġiet issostitwita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 2001, L 12, p. 1).

34. Skont il-preambolu tagħha, din il-konvenzjoni għandha l-għan li tistabbilixxi regoli uniformi dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali. Fir-rapport li jikkonċerna l-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali [6] hemm speċifikat li l-imsemmija konvenzjoni nħolqot minħabba l-ħtieġa li jitneħħew l-inkonvenjenzi li jinħolqu minħabba d-diversità tar-regoli ta' kunflitt, speċjalment fil-kamp tal-kuntratti. Skont Vogelaar, li dak iż-żmien kien direttur ġenerali tas-suq intern u tal-approssimazzjoni tal-liġijiet fil-Kummissjoni, il-vantaġġ kbir tal-Konvenzjoni ta' Ruma kien li tejbet il-livell taċ-ċertezza legali, saħħet il-fiduċja fir-relazzjonijiet ġuridiċi, iffaċilitat il-ftehim dwar il-ġurisdizzjoni skont il-liġi applikabbli u żiedet il-protezzjoni tad-drittijiet kweżiti fl-assjem tad-dritt privat.

35. Għalhekk, l-għan tal-Konvenzjoni ta' Ruma huwa li jiġu armonizzati r-regoli ta' kunflitt sabiex jiġu applikati l-istess liġijiet, ikun fejn ikun il-post fejn tingħata s-sentenza.

36. Sabiex dan il-għan jintlaħaq, il-Konvenzjoni ta' Ruma tafferma, fl-Artikolu 3 tagħha, il-prinċipju tal-awtonomija tar-rieda tal-partijiet fl-għażla tal-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali. Skont dan il-prinċipju, li huwa komuni għall-Istati Membri, il-kuntratt huwa rregolat mil-liġi magħżula mill-partijiet.

37. Fin-nuqqas ta' għażla, rajna li l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Ruma jipprovdi lill-qorti l-elementi neċessarji għad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli. Is-sistema hekk imwaqqfa b'dan l-artikolu hija, fl-opinjoni tiegħi, artikolata b'dan il-mod.

38. L-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma jipprovdi li fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet tal-liġi applikabbli "il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li miegħu ikollu l-eqreb rabta. Madankollu parti separabbli tal-kuntratt li jkollha rabta eqreb ma' pajjiż ieħor tista' eċċezzjonalment tkun regolata mil-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor".

39. L-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni, li tista' tidher xi ftit vaga, fir-realtà tidher li tirrifletti tajjeb il-kunċetti adottati mill-qrati tal-Istati Membri.

40. Fil-fatt, ir-rapport Giuliano Lagarde jurina li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-kunċett oġġettiv għall-applikazzjoni tal-liġi għall-kuntratt jipprevali fuq l-elementi ta' rabtiet fissi u riġidi [7]. Fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet tal-liġi applikabbli għall-kuntratt, il-qorti għandha tfittex indizji li jipper-

6 — Rapport ta' Giuliano, professur tal-Università ta' Milan, u Lagarde, professur tal-Università ta' Pariġi I (ĠU 1980, C 282, p. 1, iktar 'il quddiem "ir-rapport Giuliano Lagarde").

7 — Ara l-Artikolu 4(1) tar-rapport Giuliano Lagarde.

mettulha torbot dan il-kuntratt ma' xi pajjiż jew ieħor.

41. Kwantu għat-tieni sentenza tal-Artikolu 4 (1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, dan jistrieħ fuq l-iffrazzjonar jew dak li komunement jissejjaħ id-"dépeçage" ta' kuntratt. Nerġa' nittratta b'mod iżjed preċiż din il-possibbiltà ta' ffrazzjonar ta' kuntratt fl-aħħar parti ta' din l-espożizzjoni.

42. Il-flessibbiltà apparenti tal-Artikolu 4(1) titnaqqas xi ftit minn numru ta' preżunzjonijiet li jidhru fil-paragrafi ta' wara.

43. B'hekk, l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma jipprovdi li "għandu jkun hemm preżunzjoni li l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta mal-pajjiż fejn il-parti li jkollha tagħmel l-eżekuzzjoni li tikkaratterizza l-kuntratt kellha, fiż-żmien meta kien konkluż il-kuntratt, ir-residenza abitwali tagħha, jew, fil-każ ta' korp maqgħud jew mhux maqgħud, l-amministrazzjoni ċentrali tiegħu. Madankollu jekk il-kuntratt isir minħabba n-negozju jew il-professjoni ta' dik il-parti, dak il-pajjiż ikun il-pajjiż fejn ikun jinsab il-post prinċipali tan-negozju jew, fejn skond il-klawżoli tal-kuntratt l-eżekuzzjoni jkollha ssir f'post ta' negozju li ma jkunx il-post prinċipali tan-negozju, il-pajjiż fejn dak il-post l-ieħor tan-negozju jkun jinsab".

44. Ir-rapport Giuliano Lagarde juri li din id-dispożizzjoni tikkonkretizza u tirrendi oġġettiv il-kunċett ta' "l-eqreb rabta" u twassal għal simplifikazzjoni sostanzjali fid-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-kuntratt fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet [8]. Huwa wkoll speċifikat li r-rabta tal-kuntratt minn "ġewwa" jippermetti li jiġi evitat li din ir-rabta ssir b'elementi li huma esterni għal dan il-kuntratt u li m'għandhomx rabtiet reali miegħu, bħal pereżempju, in-nazzjonalità tal-partijiet jew il-post fejn il-kuntratt ikun ġie konkluż [9].

45. L-għażla tal-post tar-residenza, tal-amministrazzjoni ċentrali jew ta' fejn hu stabbilit il-fornitur tal-prestazzjoni karatteristika, bħalma hija l-għażla tal-liġi applikabbli għall-kuntratt, tista' wkoll tiġi spjegata, fil-fehma tiegħi, bil-fatt li din il-liġi għandha l-vantaġġ li tkun dik li l-fornitur ta' din il-prestazzjoni jista' jkun jaf faċilment, b'mod partikolari mingħajr l-ostakolu tal-lingwa, u dik li fuqha hu jista' joqgħod b'mod leġittimu.

46. Minbarra dan, l-istess attività professjonali tal-fornitur tal-prestazzjoni karatteristika twasslu sabiex jikkonkludi ħafna iktar kuntratti. Huwa għalhekk xieraq li, għal raġunijiet prattiċi, il-kuntratti kollha li jikkonkludi jkunu suġġetti għall-istess liġi. Ċertament,

8 — Ara s-seba' subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-rapport Giuliano Lagarde.

9 — Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-rapport Giuliano Lagarde.

wieħed jista' joġġezzjona li l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-kontraent f'kuntratt bilaterali. Però, fil-maġġoranza tal-każi, il-korrispettiv ikun jikkonsisti biss fil-ħlas ta' somma flus.

47. Għalhekk, l-għażla tal-post tar-residenza, tal-amministrazzjoni ċentrali jew tal-istabbiliment tal-fornitur tal-prestazzjoni karatteristika, bħal fil-każ tal-liġi applikabbli għall-kuntratt, tidher l-aktar adattata.

48. Għal din il-preżunzjoni ġenerali hemm żewġ eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4(3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

49. Infatti, fl-ewwel lok, "safejn is-suġġett tal-kuntratt ikun dritt ta' proprjetà immobbli jew dritt ta' użu ta' proprjetà immobbli, għandu jkun hemm preżunzjoni illi l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta mal-pajjiż fejn il-proprjetà immobbli tkun tinsab".

50. Il-fatt li dan it-tip ta' kuntratt huwa suġġett għal preżunzjoni partikolari li tidentifika il-*lex rei sitae* jista' jiġi spjegat bil-fatt li, f'dan il-każ, iċ-ċentru ta' gravità huwa l-proprjetà immobbli stess.

51. Minbarra dan, jidher li din hija r-raġuni għaliex ir-rapport Giuliano Lagarde jispeċifika li l-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni ta' Ruma ma jkoprix il-kuntratti li l-għan tagħhom huwa l-bini jew it-tiswija ta' proprjetà immobbli [10]. L-għan ta' tali kuntratti mhuwiex xi dritt fuq l-immobbli, imma prestazzjoni ta' servizzi, bħal xogħlijiet li għandhom isiru f'dak l-immobbli. F'dan il-każ nistgħu nippreżumu li l-liġi applikabbli f'nuqqas ta' għażla mill-partijiet tiġi ddeterminata mill-preżunzjoni ġenerali u tkun il-liġi tal-post tar-residenza tal-fornitur tal-prestazzjoni karatteristika.

52. Fit-tieni lok, l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma jipprovdi li "[k]untratt għat-trasport ta' merkanzija m'għandux ikun soġġett għall-preżunzjoni tal-paragrafu 2. F'kuntratt bħal dan jekk il-pajjiż, li fih, fiż-żmien meta l-kuntratt ikun konkluż, it-trasportatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu jkun ukoll il-pajjiż fejn ikun jinsab il-post tat-tagħbija jew il-post tal-ħatt jew il-post prinċipali tan-negozju ta' l-ispeditur, għandu jkun hemm preżunzjoni li l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta ma' dak il-pajjiż. Fl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu charter-parties ta' vjaġġ wieħed u kuntratti oħra li l-għan ewlieni tagħhom huwa t-trasport ta' merkanzija għandhom jitqiesu bħala kuntratti għat-trasport ta' merkanzija".

53. Il-ħolqien ta' preżunzjoni partikolari għall-kuntratt ta' trasport ta' merkanzija jista' jiġi spjegat bil-fatt li, ħafna drabi, fir-relaz-

10 — Ara r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-rapport Giuliano Lagarde.

zjonijiet internazzjonali, il-post tar-residenza ordinarja tal-fornitur tal-prestazzjoni karatteristika, jiġifieri t-trasportatur, ladarba s-suġġett prinċipali ta' tali kuntratt huwa t-trasport tal-merkanzija, m'għandux rabta oġġettiva mal-kuntratt. Pereżempju, dan il-każ japplika għal trasportatur stabbilit fil-Ġermanja li jkun inkarigat iġorr il-merkanzija ta' speditur Franċiż minn Franza lejn l-Italja.

54. Għalhekk, il-kuntratt jiġi rregolat mil-liġi ta' dan il-pajjiż biss jekk il-pajjiż li fuq it-territorju tiegħu t-trasportatur għandu r-residenza ordinarja tiegħu jkun jikkoinċidi ma' dak li fih issir it-tagħbija jew il-ħatt jew li fih ikun hemm il-post prinċipali tan-negozju tal-ispeditur. B'hekk, ikun hemm konvergenza ta' numru ta' fatturi ta' lokalizzazzjoni fl-istess post.

55. Jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti, l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma ma japplikax.

56. Għalhekk din id-dispożizzjoni ma tispeċifikax liema soluzzjoni għandha tiġi adottata.

57. Jidhirli li huwa raġonevoli li wieħed jaħseb li, f'tali sitwazzjoni, il-qorti li hija inkarigata li tiddefinixxi l-liġi applikabbli għall-kuntratt għandha tirreferi għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4(1) ta' din il-konvenzjoni. B'hekk hija tkun tista' tevalwa l-elementi tal-kuntratt li jippermettulha tillokalizza ċ-ċentru ta' gravità tiegħu.

58. B'dan il-mod, tqum il-kwistjoni dwar jekk f'din is-sitwazzjoni tkunx applikabbli l-preżunzjoni ġenerali stabbilita bl-Artikolu 4(2) tal-istess konvenzjoni. Jiena ma naħsibx li dan huwa l-każ, u dan għar-raġunijiet segwenti.

59. Infakkar li l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma jipprovdi li "[k]untratt għat-trasport ta' merkanzija m'għandux ikun soġġett għall-preżunzjoni tal-paragrafu 2".

60. Jien tal-opinjoni li din l-ewwel sentenza għandha tiftiehem fis-sens li, jekk ma jkunx hemm koinċidenza bejn il-post tar-residenza tat-trasportatur u dak ta' fejn issir it-tagħbija jew il-ħatt, jew fejn ikun hemm il-post prinċipali tan-negozju tal-ispeditur, il-preżunzjoni tal-paragrafu 2 ma tapplika fl-ebda każ.

61. Infatti, il-preżunzjoni partikolari stabbilita fl-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma tammonta, fir-realtà, għall-applikazzjoni tal-liġi tal-post tar-residenza tal-fornitur tal-

prestazzjoni karatteristika, jiġifieri t-trasportatur.

62. Rajna li l-awturi tal-Konvenzjoni ta' Ruma kkunsidraw li r-residenza tat-trasportatur ma kinitx element suffiċjenti biex torbot il-kuntratt mal-liġi tal-post ta' tali residenza. Għaldaqstant, element ieħor, jiġifieri l-post ta' tagħbija, ta' ħatt jew il-post prinċipali tannegozju tal-ispeditur, għandu jikkonferma r-rabta mill-qrib tal-kuntratt mal-pajjiż tar-residenza tat-trasportatur.

63. Jekk dawn l-awturi ħadu ħsieb li jissuġġettaw ir-rabta ta' kuntratt ta' trasport ta' merkanzija mal-liġi tal-post ta' residenza tat-trasportatur għal tali kundizzjonijiet, jidhirli li fil-każ li l-kundizzjonijiet ma jkunux sodisfatti, ir-riferiment għall-preżunzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma jostakola l-utilità tal-Artikolu 4(4) ta' din il-konvenzjoni.

64. Hekk kif diġà rrilevajt, il-kuntratt ta' trasport ta' merkanzija huwa kuntratt kumpless li fih l-elementi ta' rabta huma diversi u mifruxa. It-trasportatur jista' jkun stabbilit fi Franza, l-ispeditur fl-Italja u t-trasport jista' jseħħ bejn l-Olanda u l-Bejġju. L-ebda wieħed minn dawn il-postijiet ma jidher li jipprevali fuq l-ieħor. Fl-opinjoni tiegħi, huwa b'mod partikolari għal din ir-raġuni li fir-rigward tal-kuntratt ta' trasport ta' merkanzija hija applikabbli preżunzjoni speċifika fil-Konvenzjoni ta' Ruma.

65. Għalhekk jidhirli li jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) ta' din il-konvenzjoni ma jkunux sodisfatti, il-qorti għandha, skont il-każ partikolari, tfittex lill-pajjiż li għandu l-elementi ta' rabta mal-kuntratt l-iktar qawwija, b'mod konformi mar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikoklu 4(1) tal-imsemmija konvenzjoni [11].

66. Minkejja li l-Konvenzjoni ta' Ruma għandha t-tendenza li tistabbilixxi, permezz ta' preżunzjonijiet, iktar prevedibbiltà fl-applikazzjoni tar-regola ta' kunflitt, madankollu hemm element, riprodott fir-Regolament Ruma I, li għandu tendenza li jindika li nżammet ċerta flessibbiltà fis-sistema ta' din il-konvenzjoni.

11 — Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, p.6, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I") jidher li jsolvi din il-lakuna tal-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Fil-fatt, bis-saħħa tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Ruma I, applikabbli għall-kuntratti ta' ġarr ta' merkanzija, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4) tal-imsemmija konvenzjoni u riprodotti fir-Regolament Ruma I ma jkunux sodisfatti, tapplika l-liġi tal-pajjiż li fih jinsab il-post ta' kunsinna maqbul bejn il-partijiet. Għaldaqstant, naħseb li ċ-ċertezza legali u l-prevedibbilità tal-liġi applikabbli rebħu fuq il-flessibbiltà tal-applikazzjoni tar-regola ta' kunflitt.

67. Fil-fatt, l-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni ta' Ruma jipprovdi li "[i]l-paragrafu 2 m'għandux japplika jekk il-karatteristika ta' l-eżekuzzjoni ma tkunx tista' tiġi stabbilita, u l-preżunzjonijiet tal-paragrafi 2, 3 u 4 m'għandhomx jitqiesu jekk miċ-ċirkostanzi kollha jkun jidher li l-kuntratt ikollu rabta eqreb ma' pajjiż ieħor."

68. Fil-fehma tiegħi, din id-dispożizzjoni għandha tiġi moqrija kif ser jingħad. Jekk il-prestazzjoni karatteristika tal-kuntratt ma tistax tiġi stabbilita, b'applikazzjoni tal-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, għandu jsir riferiment għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4(1) ta' din il-konvenzjoni li tipprovdi li kuntratt huwa rregolat mil-liġi tal-pajjiż li miegħu jkollu l-eqreb rabtiet.

69. Minbarra dan, anki fil-każ li l-prestazzjoni karatteristika tal-kuntratt tiġi ddeterminata, il-preżunzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(2) tal-imsemmija konvenzjoni tista' tiġi mwarrba jekk miċ-ċirkustanzi kollha jirriżulta li l-kuntratt għandu l-eqreb rabta ma' pajjiż ieħor. L-istess japplika għall-preżunzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(3) u 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

70. Ir-rapport Giuliano Lagarde jindika li l-għan tal-Artikolu 4(5) huwa li, peress li l-Konvenzjoni ta' Ruma tistabbilixxi regola ta' kunflitt ta' natura ġenerali intiża li tapplika għal kważi l-kategoriji kollha tal-kuntratti, **i**l-korrispettiv inevitabbli huwa li l-qorti tingħata marġni ta' diskrezzjoni kull darba li ċ-ċirkustanzi kollha juru li element ta' rabta inizjalment preżunt bħala l-iktar wieħed mill-qrib, huwa ssostitwit b'ieħor [12].

71. L-applikazzjoni tal-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni ta' Ruma hija s-suġġett ta' dibattitu. Fil-fatt, jidher li hemm żewġ interpretazzjonijiet. Skont l-ewwel interpretazzjoni, din id-dispożizzjoni hija sussidjarja fil-konfront tal-preżunzjonijiet ġenerali u speċifiċi. Din l-interpretazzjoni, li ssostniha l-minoranza, tidher li ġiet adottata mill-qrati Skoċċiżi u Olandiżi. L-imsemmija dispożizzjoni tapplika biss meta, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-post prinċipali tan-negozju tal-fornitur tal-prestazzjoni karatteristika tal-kuntratt ma jkollux importanza reali bħala kriterju ta' rabta [13].

12 — Ara l-ħames u s-sitt subparagrafi tal-Artikolu 4(7) tar-Rapport Giuliano Lagarde.

13 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Hoge Raad der Nederlanden tal-25 ta' Settembru 1992, Société Nouvelle des Papeteries de l'AA SA vs BV Machinefabriek BOA (Nederlandse Jurisprudentie 1992, Nru 750), kif ukoll tal-Court of Session (Scotland) (ir-Renju Unit), tat-12 ta' Lulju 2002, Caledonia Subsea Ltd vs Micoperi Srl (2002 SLT 1022).

72. Għaldaqstant, il-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2) sa 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma huma kkunsidrati qawwija.

73. It-tieni interpretazzjoni li tirriżulta millkliem tal-Artikolu 4(5) ta' din il-Konvenzjoni hija iktar flessibbli u suġġetta għall-varjazzjoni. Jidher li t-twarrib tal-preżunzjonijiet isir mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli stretti [14], inkwantu l-qrati jagħżlu li japplikaw l-imsemmija dispożizzjoni jew mingħajr ma jistudjaw b'mod preliminari l-preżunzjonijiet jew billi jispjegaw għaliex iwarrbuhom.

74. Jiena tal-fehma li għal raġunijiet marbuta mal-osservanza tal-prinċipju taċ-ċertezza legali u sabiex jiġi ggarantit l-għan ta' prevedibbiltà li l-Konvenzjoni ta' Ruma tfittex li tilħaq, l-Artikolu 4(5) ta' din il-konvenzjoni għandu jiġi applikat safejn ikun ġie muri li l-preżunzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4(2) sa 4 (4) tal-imsemmija konvenzjoni ma jkunux jirriflettu r-rabta reali tal-kuntratt mal-lokalizzazzjoni hekk stabbilita [15].

75. Fil-fatt rajna li l-Konvenzjoni ta' Ruma ġiet adottata sabiex tneħħi l-inkonvenjenzi li jirriżultaw mid-diversità tar-regoli ta' kunflitt u sabiex issaħħaħ il-prevedibbiltà tal-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli. Barra minn hekk, ir-Regolament Ruma I jinkorpora dawn l-għanijiet. Fis-sittax-il premessa ta' dan ir-regolament hemm imsemmi li "[s]abiex jagħtu kontribut għall-għan ġenerali ta' dan [l-imsemmi] […] Regolament — iċ-ċertezza ġuridika — fiż-żona ta' ġustizzja Ewropea, ir-regoli ta-konflitt tal-liġijiet għandhom ikunu ta' livell għoli ta' prevedibbiltà".

76. Sabiex jissaħħaħ il-livell taċ-ċertezza legali, il-persuni li abbozzaw il-Konvenzjoni ta' Ruma qagħdu għalhekk attenti li jistabbilixxu preżunzjonijiet. Dawn il-preżunzjonijiet huma intiżi sabiex jidentifikaw il-liġi tal-pajjiż bl-elementi ta' rabta mal-kuntratt li preżumibbilment huma l-iktar qawwija. Dan ikun il-każ, pereżempju, fil-każ ta' kuntratt ta' kera li, skont l-Artikolu 4(3) ta' din il-konvenzjoni, il-liġi applikabbli għalih tkun il-liġi tal-pajjiż fejn il-proprjetà immobbli inkwistjoni tkun tinsab.

14 — Ara b'mod partikolari s-sentenza tal-Cour de cassation (Franza) tad-19 ta' Diċembru 2006 (cass com Nru 05-19.723). B'hekk il-Cour de cassation iddeċidiet li "b'applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, il-kuntratt huwa rregolat mil-liġi tal-pajjiż li miegħu għandu l-eqreb rabta; li mill-paragrafi 2 u 5 moqrija flimkien jirriżulta li biex tiġi ddeterminata l-liġi l-iktar xierqa, il-qorti adita għandha tqabbel ir-rabtiet li jkun hemm bejn il-kuntratt u, minn naħa, il-pajjiż li fih il-parti li għandha tforni il-prestazzjoni karatteristika jkollha, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, ir-residenza abitwali tagħha u, min-naħa l-oħra, il-pajjiż l-ieħor inkwistjoni, u tfittex dak il-pajjiż li miegħu għandu l-eqreb rabta". Ara wkoll is-sentenza tal-High Court of Justice (England & Wales) (ir-Renju Unit), tat-13 ta' Diċembru 1993, Bank of Baroda vs Vysya Bank ([1994] 2 Lloyd's Rep. 87, 93), li fiha l-Qorti Ingliża warrbet il-preżunzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma favur l-Artikolu 4(5) ta' din il-konvenzjoni, li jorbot il-kuntratt mal-liġi li magħha għandu l-eqreb rabta skont iċ-ċirkustanzi ta' kull każ.

15 — Ara, f'dan is-sens, *il-Karta l-Ħadra dwar il-konverżjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali ġo strument tal-Komunità u l-modernizzazzjoni tagħha* [COM(2002) 654 finali, p. 27 u 28].

77. Madankollu, u dan, fil-fehma tiegħi, jikkostitwixxi l-għan prinċipali tal-Artikolu 4 (5) tal-imsemmija konvenzjoni, jekk il-qorti tikkunsidra li l-liġi tal-pajjiż hekk identifikata ma jkollhiex rabtiet reali mal-kuntratt, il-preżunzjonijiet, li huma preżunzjonijiet *iuris tantum* [16], jistgħu jiġu mwarrba [17].

78. Jekk nieħdu l-eżempju tal-kuntratt ta' kera, nistgħu nassumu li tali kuntratt magħmul bejn żewġ ċittadini Franċiżi li għandu bħala suġġett tiegħu kera staġjonali fl-Italja jkollu rabtiet iktar qawwija ma' Franza. F'dan il-każ, bosta elementi jippuntaw lejn pajjiż li mhuwiex dak indikat mill-preżunzjoni. Il-partijiet fuq il-kuntratt huma t-tnejn ċittadini Franċiżi, il-kuntratt ġie, mingħajr dubju, konkluż fi Franza u huwa *a priori* fl-interess tagħhom li l-liġi Franċiża tkun il-liġi applikabbli għall-kuntratt, anki jekk dan huwa biss għal raġunijiet marbuta mal-lingwa u għaliex din hija l-liġi li huma mistennija li jkunu jafu.

79. Din il-flessibbiltà fl-applikazzjoni tar-regola ta' kunflitt tista' tiġi ġġustifikata mix-xewqa li l-liġi ta' pajjiż li finalment ikollha ftit rabtiet reali mal-kuntratt ma tiġix imposta b'mod arbitrarju.

80. Bl-istess mod, nara li hemm ċerta flessibbiltà fl-applikazzjoni tar-regola ta' kunflitt fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprovdi li jekk parti mill-kuntratt tista' tiġi sseparata mill-bqija tal-kuntratt u din ikollha rabta eqreb ma' pajjiż ieħor, il-liġi ta' dan il-pajjiż l-ieħor tista', b'mod eċċezzjonali, tkun applikabbli għal din il-parti tal-kuntratt.

81. Jidher li l-kwistjoni tal-iffrazzjonar ta' kuntratt kienet argumentata mill-grupp ta' ħidma inkarigat jabbozza l-Konvenzjoni ta' Ruma.

82. Fil-fatt, fir-Rapport Giuliano Lagarde hemm indikat li "ebda delegazzjoni ma tixtieq tinkoraġġixxi l-iffrazzjonar", madankollu "il-maġġoranza tal-esperti kienu favur li titħalla miftuħa [tali] possibbiltà […] bil-kundizzjoni [li l-qorti] tapplikaha b'mod eċċezzjonali u għal parti awtonoma u separabbli, fir-rigward tal-kuntratt u mhux tal-kontroversja" [18].

83. Skont Lagarde, il-kunċett ta' separabbiltà ta' kuntratt għandu jiġi mifhum b'mod rigoruż. B'mod partikolari, il-fatt li żewġ obbligi għandhom jiġu eżegwiti f'żewġ pajjiżi differenti ma jfissirx li dawn huma separabbli. Lagarde ikompli billi jirrileva li biex parti mill-

16 — Ara l-Artikolu 4(9) tar-Rapport Giuliano Lagarde.

17 — Apparti minn hekk, din il-possibbiltà ġiet riprodotta fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament Ruma I.

18 — Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(8) tar-Rapport Giuliano Lagarde. Ara wkoll l-Artikolu 3(4) tiegħu.

kuntratt tista' tiġi kkunsidrata separabbli, jeħtieġ li din tkun tista' tkun is-suġġett ta' soluzzjoni separata, indipendentement mis-soluzzjoni mogħtija għall-aspetti l-oħra tal-kuntratt [19].

84. B'hekk, kuntratt li jinkludi kemm il-bejgħ ta' materjal kif ukoll wegħda ta' assistenza teknika jista' jkun suġġett għal liġijiet differenti minħabba li dawn iż-żewġ aspetti huma oġġettivament separabbli [20].

85. Nirrileva wkoll li r-Rapport Giuliano Lagarde jindika li "b'hekk, il-kelma 'eċċezzjonalment' għandha tiġi interpretata fis-sens li l-qorti għandha tirrikorri għall-iffrazzjonar ta' kuntratt mill-inqas possibbli" [21].

86. Id-deċiżjoni li l-iffrazzjonar jiġi permess biss b'mod eċċezzjonali tista' tiġi mifhuma faċilment fid-dawl tax-xewqa li l-koerenza ta' kuntratt ma tiġix ippreġudikata u li ma jkunx hemm għażliet ta' liġijiet li jagħtu lok għal riżultati kontradittorji [22].

87. Minbarra dan, il-qrati nazzjonali stess sabuha bi tqila li japplikaw l-iffrazzjonar ta' kuntratt. Pereżempju, il-Court of Appeal (England & Wales) (ir-Renju Unit) irrilevat li l-iffrazzjonar jista' jiġi applikat biss fir-rigward ta' klawżoli distinti u awtonomi fi ħdan l-istess kuntratt u li jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod separat mill-bqija ta' dan il-kuntratt [23].

88. Bl-istess mod, il-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja), ferm qabel l-abbozzar tal-Konvenjoni ta' Ruma, ikkunsidrat li bħala regola ġenerali hemm bżonn li jiġi indentifikat iċ-ċentru ta' gravità tal-kuntratt u li tiġi applikata liġi waħda biss għal relazzjoni ġuridika [24].

89. Għaldaqstant, l-iffrazzjonar ta' kuntratt għandu ċerti limiti u għandu għalhekk jiġi applikat b'mod eċċezzjonali. Huwa m'għandux iwassal biex iġib fix-xejn l-għan prinċipali tal-Konvenzjoni ta' Ruma li hija li tiġi ggarantita ċerta prevedibbiltà fl-applikazzjoni tar-regoli ta' kunflitt ta' liġijiet.

19 — P. Lagarde, "Le nouveau droit international privé des contrats après l'entrée en vigueur de la Convention de Rome du 19 juin 1980", *RC Dip,* 80(2), April-Ġunju 1991, p. 287.

20 — P. Mayer., u V. Heuzé, *Droit international privé,* id-disgħa Edizzjoni, Montchrestien, Paris, 2007, Nru 710.

21 — Ara r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 4(8) tar-Rapport Rapport Giuliano Lagarde.

22 — Ara l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(4) tar-Rapport Rapport Giuliano Lagarde.

23 — Sentenza tat-28 ta' Lulju 1998, The Governor and Company of Bank of Scotland of the Mound vs Butcher [(1998) EWCA Civ 1306]. Ara wkoll is-sentenzi tal-High Court of Justice (England & Wales), tas-6 ta' Novembru 2001, CGU International Insurance plc vs Szabo & Ors. [(2002) 1 All ER (Comm) 83], u tal-4 ta' Marzu 2003, American Motorists Insurance Co (Amico) vs Cellstar Corp & Anor [(2003) EWCA Civ 206, punt 33].

24 — Sentenza tal-Bundesgerichtshof tas-7 ta' Mejju 1969 (VIII ZR 142/68, DB 1969, 1053).

90. Ser ngħaddi issa biex neżamina d-domandi preliminari fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet.

2. Id-domandi preliminari

91. Jiena tal-fehma li d-domandi preliminari għandhom jiġu kkunsidrati kif ġej.

92. Fl-ewwel lok, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk kuntratt bħal dak inkwistjoni jidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

93. Sussegwentement, permezz tal-ħames domanda tagħha, il-Qorti tal-Ġustizza hija mitluba tippreċiża l-portata tal-Artikolu 4(5) ta' din il-konvenzjoni li jipprovdi li l-preżunzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) sa 4(4) ta' l-imsemmija konvenzjoni jistgħu jiġu mwarrba meta miċ-ċirkustanzi kollha jirriżulta li l-kuntratt ikollu l-eqreb rabta ma' pajjiż ieħor.

94. Finalment, permezz tat-tieni, it-tielet u r-raba' domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-possibbiltà li jiġi applikat l-iffrazzjonar ta' kuntratt fir-rigward ta' kuntratt bħal dak inkwistjoni. Hija tistaqsi din id-domanda, b'mod partikolari, fid-dawl talfatt li skont il-liġi applikabbli, it-termini ta' preskrizzjoni tad-drittijiet li jirriżultaw millkuntratt huma differenti.

95. Jiena naħseb li l-ewwel u l-ħames domandi għandhom jiġu kkunsidrati flimkien. Fil-fatt jiena nifhem li permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddetermina, fid-dawl tas-sistema stabbilita permezz tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, il-liġi applikabbli għal kuntratt bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

96. Għalhekk jiena se nirrileva, minn naħa, ir-raġunijiet li minħabba fihom nikkunsidra li dan il-kuntratt ma jistax jiġi suġġett għall-Artikolu 4(4) ta' din il-konvenzjoni u, minnaħa l-oħra, ir-raġunijiet li minħabba fihom jiena nikkunsidra li, sabiex tiġi identifikata l-liġi applikabbli għall-imsemmi kuntratt, il-qorti tar-rinviju għandha, b'mod konformi mal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija Konvenzjoni, tfittex il-pajjiż li għandu l-eqreb rabta mal-kuntratt inkwistjoni.

97. Finalment ser nesponi r-raġunijiet li minħabba fihom jiena tal-fehma li l-kuntratt ma jistax jiġi suġġett għall-iffrazzjonar.

a) Dwar l-applikazzjoni tas-sistema stabbilita permezz tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Ruma għall-kuntratt inkwistjoni.

98. Il-Qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kwistjoni ta' jekk il-kuntratt konkluż bejn ICF u MIC jistax jiġi kklassifikat bħala kuntratt ta' trasport ta' merkanzija u għaldaqstant jaqax taħt l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

99. Għandu jiġi mfakkar li, bis-saħħa ta' dan il-kuntratt, ICF ħalliet xi vaguni għad-dispożizzjoni ta' Balkenende, li kienet hija stess qed taġixxi għan-nom ta' MIC, u assigurat it-trasport ta' merkanzija bil-ferrovija bejn Amsterdam u Frankfurt. MIC biss, li kienet kriet lil terzi l-kapaċità tat-tagħbija li kellha għaddispożizzjoni tagħha, kellha tieħu ħsieb il-parti operattiva tat-trasport.

100. Il-qorti tar-rinviju tirrileva wkoll li ICF hija kumpannija stabbilita fil-Belġju, filwaqt li Balkenende u MIC huma stabbiliti fit-territorju tal-Olanda.

101. Hekk kif ġie rrilevat fil-punt 54 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma huwa intiż li japplika biss jekk il-pajjiż li fit-territorju tiegħu jirresjedi t-trasportatur huwa l-istess wieħed li fih jinsab il-post ta' tagħbija jew ta' ħatt jew il-post prinċipali tan-negozju tal-ispeditur. F'dan l-istadju tal-analiżi, ftit jimporta li wieħed ikun jaf jekk il-kuntratt konkluż bejn, minn naħa, ICF u, min-naħa l-oħra, Balkenende u MIC jistax jiġi kklassifikat bħala kuntratt ta' trasport ta' merkanzija fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

102. B'hekk, għandu jiġi kkonstatat li fil-kawża preżenti dawn il-postijiet ma jikkoinċidux. Fil-fatt, ICF hija stabbilita fil-Belġju filwaqt li l-kontraenti tagħha Balkenende u MIC huma stabbiliti fl-Olanda. Minbarra dan, it-trasport seħħ bejn Amsterdam u Frankfurt li jfisser li t-tagħbija saret fl-Olanda u l-ħatt fil-Ġermanja.

103. Għalhekk jiena naħseb li anki jekk wieħed jissoponi li l-kuntratt inkwistjoni għandu jiġi kklassifikat bħala kuntratt ta' trasport ta' merkanzija fis-sens tal-Artikolu 4 (4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, dan il-kuntratt ma jistax jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għaliex il-kundizzjonijiet meħtieġa mhumiex sodisfatti.

104. Għaldaqstant, b'mod konformi ma' dak li ġie rrilevat preċedentement, jekk il-kundizzjonijiet tal-imsemmija dispożizzjoni mhumiex sodisfatti, jiena tal-fehma li għandha tiġi applikata r-regola ġenerali msemmija fl-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

105. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju għandha tfittex il-pajjiż li għandu l-eqreb rabta mal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali. F'din it-tfittxija, bosta elementi jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni. B'mod partikolari, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-post fejn ġie konkluż il-kuntratt, il-post ta' eżekuzzjoni tiegħu, il-post ta' residenza tal-partijiet u l-għan tal-kuntratt. B'hekk, dawn l-elementi jwasslu lill-qorti f'post ta' konverġenza, iċ-ċentru ta' gravità tal-kuntratt.

106. Jidher li l-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju jagħmlu lill-Olanda ċ-ċentru ta' gravità tal-kuntratt. Fil-fatt, għandu jiġi mfakkar li ICF hija stabbilita fil-Belġju, Balkenende u MIC huma stabbiliti fl-Olanda u t-trasport sar minn Amsterdam sa Frankfurt.

107. Għaldaqstant, il-liġi Olandiża għandha tapplika għal dan il-kuntratt. Fi kwalunkwe każ, huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali li tfittex ma' liema pajjiż l-imsemmi kuntratt għandu l-eqreb rabta.

108. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, jiena tal-fehma li kuntratt li għandu l-għan li jagħmel disponibbli mezz ta' trasport għall-finijiet tat-trasport ta' merkanzija għal vjaġġ determinat ma jaqax taħt l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni ta' Ruma meta l-impriża li hija inkarigata li tagħmel disponibbli dan it-trasport tkun stabbilita f'pajjiż li mhuwiex dak li fih jinsab il-post ta' tagħbija jew ta' ħatt jew il-post prinċipali tan-negozju tal-kontraent l-ieħor.

109. Għaldaqstant, naħseb li sabiex tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għal tali kuntratt, il-qorti nazzjonali għandha, b'mod konformi mal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, tfittex il-liġi tal-pajjiż li miegħu dan il-kuntratt għandu l-eqreb rabta.

b) Fuq il-possibbiltà ta' ffrazzjonar ta' kuntratt

110. Permezz tat-tieni, it-tielet u r-raba' domandi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk huwiex possibbli li jiġi applikat l-iffrazzjonar fir-rigward ta' kuntratt bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Hija tistaqsi din id-domanda b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li skont il-liġi applikabbli, it-termini ta' preskrizzjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mill-kuntratt huma differenti.

111. Permezz ta' dawn id-domandi, jiena nifhem li l-qorti tar-rinviju qiegħda fil-fatt tipprova ssir taf jekk l-obbligu ta' Balkenende u ta' MIC li jagħtu l-korrispettiv tal-obbligu li ICF eżegwixxiet jistax jiġi separat mill-bqija tal-kuntratt li l-partijiet ikkonkludew, peress li minn tali risposta tiddependi l-kwistjoni dwar jekk, skont id-dritt applikabbli, l-azzjoni ta' ICF hijiex preskritta jew le.

112. Hekk kif ġie rrilevat, it-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma tipprevedi l-iffrazzjonar ta' kuntratt bħala eċċezzjoni għar-regola.

113. L-iffrazzjonar ta' kuntratt huwa rilevanti biss jekk il-parti mill-kuntratt li fir-rigward tagħha għandha tiġi applikata liġi differenti tista' tiġi sseparata mill-bqija tal-kuntratt b'mod awtonomu u jekk din il-parti għandha l-eqreb rabta mal-liġi ta' pajjiż ieħor.

114. F'din il-kawża, jidhirli li huwa diffiċli li jiġi kkunsidrat l-iffrazzjonar tal-kuntratt. Il-kuntratt konkluż bejn ICF minn naħa, u Balkenende u MIC, min-naħa l-oħra, għandu bħala suġġett prestazzjoni waħda li hija dik li tagħmel disponibbli mezz ta' trasport għall-ġarr ta' merkanzija għal vjaġġ determinat u li l-korrispettiv għal dan huwa l-ħlas ta' somma flus. Din ir-reċiproċità tal-obbligi tal-partijiet tidher li tirrikjedi li l-liġi applikabbli għall-kuntratt tkun waħda biss.

115. Jiena tal-fehma li kien ikun differenti li kieku l-kuntratt inkwistjoni kien fih diversi obbligi li jistgħu jiġu sseparati minn xulxin bħal, pereżempju, ladarba l-merkanzija tkun ittrasportata fi Frankfurt, l-obbligu li tiġi kkunsinjata fit-territorju Ġermaniż. Jidhirli, f'dan il-każ, li dawn iż-żewġ obbligi jkunu oġġettivament separabbli.

116. Minbarra dan, inżid li anki jekk wieħed jassumi li parti mill-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tiġi sseparata mill-bqija tal-kuntratt, xorta waħda jibqa' l-fatt li b'mod konformi mat-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, il-qorti għandha taċċerta ruħha li din il-parti awtonoma għandha l-eqreb rabta mal-liġi ta' pajjiż ieħor. Fid-dawl ta' dak li ntqal fil-punti 106 u 107 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa diffiċli li kwalunkwe parti mill-kuntratt tiġi marbuta mad-dritt Belġjan li, infakkar, jipprovdi li l-azzjoni ta' ICF mhijiex preskritta.

117. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li t-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma ma tapplikax fil-kuntest ta' kuntratt li għandu l-għan li jagħmel disponibbli mezz ta' trasport għall-ġarr ta' merkanzija għal vjaġġ determinat

V — Konklużjoni

118. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden:

"Kuntratt li għandu l-għan li jagħmel disponibbli mezz ta' trasport għall-finijiet tat-trasport ta' merkanzija għal vjaġġ determinat ma jaqax taħt l-Artikolu 4(4) tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 (Konvenzjoni ta' Ruma), meta l-impriża li hija inkarigata li tagħmel disponibbli dan it-trasport tkun stabbilita f'pajjiż li mhuwiex dak li fih jinsab il-post ta' tagħbija jew ta' ħatt jew il-post prinċipali tan-negozju tal-kontraent l-ieħor.

B'mod konformi mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma, il-liġi applikabbli għal tali kuntratt hija dik tal-pajjiż li miegħu dan il-kuntratt ikollu l-eqreb rabta. Din ir-rabta tista', pereżempju, tiġi dedotta mill-fatt li f'kuntratt bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-kontraenti jkunu stabbiliti fl-Olanda u l-post ta' tagħbija jkun jinsab f'dan l-istess pajjiż.

It-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma għandha tiġi interpretata fis-sens li parti minn kuntratt tista' tkun suġġetta għal-liġi ta' pajjiż ieħor jekk din il-parti minn kuntratt hija separabbli b'mod awtonomu mill-bqija tal-kuntratt. Dan ir-rekwiżit ma jkunx sodisfatt fil-każ ta' kuntratt bħal dak inkwistjoni, li għandu bħala suġġett prestazzjoni waħda li hija dik li jagħmel disponibbli mezz ta' trasport għall-ġarr ta' merkanzija għal vjaġġ determinat."